MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2023

Appell Inferjuri Numru 272/2020 LM

**Noel Spiteri (K.I. nru. 513361(M)) u**
**Denise Spiteri (K.I. nru. 543065(M))**
*('l-appellanti')*

***vs.***

**Marcus Mercieca (K.I. nru. 0136079(M)) u**
**Carla Mercieca (K.I. nru. 0551680(M))**
*('l-appellati')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrenti **Noel Spiteri (K.I. nru. 513361(M))** u **Denise Spiteri (K.I. nru. 543065(M))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellanti'] minn sentenza mogħtija fit-3 ta' Ottubru, 2022, [minn issa 'l

quddiem ‘is-sentenza appellata’] mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar [minn issa ’l quddiem ‘it-Tribunal’], li permezz tagħha ddeċieda ir-rikors tagħhom fil-konfront tal-intimati **Marcus Mercieca (K.I. nru. 0136079(M)) u Carla Mercieca (K.I. nru. 0551680(M))** [minn issa ’l quddiem ‘l-appellati’], billi ċaħad it-talbiet tagħhom, u ordna li skont is-subartikolu 223(1) tal-Kap. 12, l-ispejjeż għandhom jitħallsu kollha mill-appellanti.

**<u>Fatti</u>**

2. Il-każ odjern jirrigwarda danni allegatament ikkawżati lill-proprjetà tal-appellanti, riżultat ta’ diversi xogħlijiet ta’ kostruzzjoni u ta’ manutenzjoni li ġew eżegwiti mill-appellati fil-proprjetà tagħhom sovrastanti.

**<u>Mertu</u>**

3. L-appellanti istitwew dawn il-proċeduri quddiem it-Tribunal permezz tal-preżentata ta’ Avviż tat-Talba fil-11 ta’ Novembru, 2020 fejn talbu l-imsemmi Tribunal jogħġbu:

> *“...sabiex il-konvenuti jiġu kkundannati jħallsu l-ammont ta’ €2,521 rappreżentanti danni sofferti mir-rikorrenti u dana kawża tax-xogħlijiet li saru mill-konvenuti jew minn persuni mqabbda minnhom kif ukoll spejjeż oħra peritali inkorsi mir-rikorrenti, minn issa inġunti in subizzjoni.*
>
> *Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali interpellatorja datata 19 ta’ Ġunju 2020 u bl-imgħaxijiet legali mid-data tal-istess ittra uffiċjali sad-data tal-pagament effettiv.”*

4. L-appellati wieġbu fid-9 ta' Frar, 2021 fejn eċċepew is-segwenti: (a) it-talbiet tal-appellanti kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt; (b) huma kienu lesti li jħallsu għal dawk id-danni li setgħu ġew ikkawżati minnhom, iżda l-pretensjoni tal-appellanti kienet waħda eżaġerata; (ċ) l-appellanti żiedu danni li ma ġewx ikkawżati minnhom; (d) l-appellanti żiedu xogħlijiet li ma sarux jew li ma kienx hemm bżonnhom, u anki eżaġeraw il-valur tax-xogħlijiet li allegatament saru minnhom; (e) l-appellanti żiedu spiża ta' *tumble dryer* meta huma ma kienu għamlu l-ebda ħsara f'xi *tumble dryer;* (f) kull min isofri danni kellu l-obbligu li jimminimizzahom, iżda l-appellanti għamlu l-kuntrarju; (ġ) l-appellanti kienu għamlulhom ħajjithom diffiċli hekk kif huma marru jirrisjedu fil-fond sovrastanti; (g) l-appellata talbet diversi drabi sabiex tibgħat lil xi ħadd inaddaf il-ftit li seta' waqa' waqt l-esekuzzjoni tax-xogħlijiet, iżda l-appellanta m'aċċettatx, u minflok bagħtet kontijiet eżaġerati ta' tindif; (għ) huma kienu qegħdin jikkontestaw id-danni u anki l-kwantum tagħhom; (ħ) l-appellanti ma ħallewx lill-ħaddiema tal-appellati jaħdmu sabiex jekk kien hemm kawżi ta' danni, dawn jitneħħew; (h) għal dawn ir-raġunijiet it-talbiet tal-appellanti kellhom jiġu miċħuda, bl-ispejjeż.

**<u>Is-Sentenza Appellata</u>**

5. It-Tribunal wasal għas-sentenza appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

*"<u>**Kummenti tat-Tribunal dwar ir-Risposta tal-konvenuti**</u>*

*It-Tribunal jibda billi josserva li r-Risposta tal-konvenuti hija pjuttost stramba. Filwaqt li fl-ewwel eċċezzjoni huma jgħidu li t-talbiet tal-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt, il-bqija tal-eċċezzjonijiet jindikaw li l-konvenuti almenu jaċċettaw xi ftit*

*responsabilità (minkejja li mbagħad, fid-disa' eċċezzjoni jgħidu li qed jikkontestaw anki r-responsabilità). Fit-tieni eċċezzjoni, il-konvenuti jgħidu li l-atturi* "esaġeraw it-talba tagħhom". *Fir-raba' eċċezzjoni, il-konvenuti jgħidu li l-atturi "*ivvintaw xogħlijiet li ma sarux jew li ma kienx hemm bżonnhom u wkoll esaġeraw il-valur tax-xogħlijiet li allegaw li għamlu". *Minbarra dan, huwa osservat li f'diversi punti fir-Risposta, il-konvenuti rreferew għall-obbligu tal-persuna ddanneġġjata li timminimizza d-danni.*

*It-Tribunal jirreferi għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Superjuri) fl-ismijiet* **Gabriel Parnis et vs. Joseph Cucciardi et** *(16 ta' April 2004), fejn dil il-Qorti qalet:*

> "12. Illi ghalkemm huwa minnu li fi proċeduri bil-miktub f'materja ta' eċċezzjonijiet teżisti l-possibilità li l-eċċipjent jissolleva eċċezzjonijiet alternattivi, kif ukoll li jagħmel dan "bla preġudizzju", b'danakollu xorta waħda jibqa' dmir tal-parti eċċipjenti li tara li f'dak li hija tkun qegħdha tasserixxi bil-ġurament per via ta' eċċezzjoni ma jkunx hemm ħwejjeġ li huma manifestament konfliġġenti. Għalkemm ix-xjenza legali tista' twassal biex l-impostazzjoni tal-premessi u t-talbiet fl-att taċ-ċitazzjoni, kif ukoll l-eċċezzjonijiet fin-nota tal-konvenut isiru b'ċerta teknika u ħila, dan ma jfissirx li parti f'kawża għandha titħalla tbiddel impenement att proċedurali f'espedjent ta' mera konvenjenza jew, agħar u agħar, fi strataġemma intiża biss biex tinnewtralizza l-azzjoni istitwita kontriha mill-parti l-oħra. Fi kliem aktar sempliċi, kull parti għandha d-dmir li tkun veritiera u leali lejn il-Qorti u lejn il-parti avversarja fl-interess suprem tal-ġustizzja. Fil-każ in eżami, jidher evidenti li l-parti konvenuta riedet tkun, kif jingħad bl-Ingliż "too clever by half". Fl-istess nifs li l-konvenuti qegħdin jiċħdu bil-ġurament tagħhom żewġ fatti speċifiċi, jiġifieri li huma rċevew in depożitu ammont ta' flus, kif ukoll numru ta' oġġetti tad-deheb mingħand l-atturi, qed jgħidu li jekk stess dan kien minnu (!) allura huma kienu "a loro volta" kredituri tal-atturi u li kemm-il darba tali talba da parti tal-atturi kellha tintlaqa', din għandha tiġi paċuta mal-kreditu pretiż minnhom.
>
> 13. Din il-Qorti wara li eżaminat akkuratament is-sentenza appellata, jidhrilha li l-ewwel Qorti kienet altru milli korretta meta sabet li l-asserzjonijiet tal-konvenuti – kif jemanaw min-nota ta' eċċezzjonijiet u esposti mill-ġdid u b'iżjed enfasi fit-talba rikonvenzjonali – bħala kontradittorji. Mhux hekk biss, imma l-ewwel Qorti sabet ukoll li b'dak li qegħdin jasserixxu l-konvenuti għal fini ta' tpaċija – jiġifieri li hemm żewġt idjun x'jiġu paċuti ma' xulxin – li b'daqstant il-konvenuti kienu qegħdin effettivament jirrikonoxxu l-kreditu pretiż mill-atturi. Din il-Qorti hija pjenament konkordi ma' dak li ġie ritenut mill-ewwel Qorti."

*It-tielet eċċezzjoni tal-konvenuti taqra hekk: "*Illi l-atturi żiedu danni li żgur li ma ġewx ikkawżati mill-konvenuti".

*Jekk wieħed iħares lejn din l-eċċezzjoni mill-ottika opposta, wieħed jista' faċilment jikkonkludi li l-konvenuti stess qed jgħidu li hemm xi danni li ġew ikkawżati lill-atturi mill-konvenuti, iżda mhux id-danni kollha subiti mill-atturi.*

*Bl-istess mod, fir-raba' eċċezzjoni, il-konvenuti jgħidu:* "Illi l-atturi vvintaw xogħlijiet li ma sarux jew li ma kienx hemm bżonnhom u wkoll esaġeraw il-valur tax-xogħlijiet li allegaw li għamlu – għalhekk huma wkoll naqsu mill-obbligu tagħhom li jimminizzaw id-danni."

*It-Tribunal jgħid ukoll li huwa qiegħed jixħet dawl fuq din il-kwistjoni fuq l-iskorta tal-każistika suċitata u anke fuq l-iskorta tas-sentenza tal-Prim'Awla fl-ismijiet* **Anjo Limited vs. Tal-Ħerba Construction Limited** (*24 ta' Frar 2016) u l-każistika hemm ikkwotata.*

...

***Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal dwar il-mertu***

*It-Tribunal jibda billi jirreferi għas-sentenza tal-Prim'Awla fl-ismijiet* ***Mary Grace Vella vs. Clive Farrugia*** *(deċiża fil-5 ta' Ottubru 2016), li fiha ntqal, essenzjalment, li* si tratta *ta' ħtija akwiljana, l-atturi jridu jippruvaw in-ness bejn l-aġir tal-konvenut u d-dannu soffert mill-atturi. F'dik is-sentenza, il-Qorti qalet:*

> "Ladarba l-azzjoni tal-attriċi tinbena fuq il-ħtija akwiljana, jaqa' fuqha d-dmir li turi b'mod tajjeb biżżejjed li l-ħtija kienet tassew fl-imħarrek, u li kienet dik il-ħtija li tnissel favur l-attriċi l-jedd għall-ħlas tal-kumpens."

*L-istess intqal mill-istess Qorti fis-sentenza* ***Piju Bezzina vs. Indri Galea*** *(deċiża fit-23 ta' Novembru 1984).*

*F'dan il-każ, filwaqt li l-atturi jilmentaw dwar l-attitudni tal-konvenuti, li skonthom ma kinitx ikkaratterizzata minn sens ta' ċivilità, naqsu mill jippruvaw li kienu effettivament l-istess konvenuti li kkawżaw il-ħsarat relattivi.* Se mai, *kienu l-kuntrattur u l-ħaddiema mqabbdin mill-atturi li kkawżaw il-ħsarat, u mhux il-konvenuti nfushom.*

*Żgur li ma kinux il-konvenuti li waddbu l-ġebel u t-trab fid-*drive-in *tal-atturi. Lanqas ma jista' jingħad li kienu l-konvenuti li kkawżaw ħsarat fix-*shaft *jew fit-tank tal-ilma jew li waddbu loqom tas-sigaretti fid-*drain *li tagħti għall-bir tal-atturi. Lanqas ma jista' jingħad li kienu l-konvenuti li għalqu l-ventilaturi u b'riżultat ta' dik l-azzjoni, it-*tumble dryer *tal-atturi ġarrbet xi ħsarat.* Multo magis, *lanqas jirriżulta li l-konvenuti*

*kienu jafu eżattament fejn kienet sitwata t-*tumble dryer *tal-atturi u mingħajr tali informazzjoni, żgur ma setgħux jieħdu miżuri sabiex jevitaw li jimblukkaw il-*vents.

*Fi kliem ieħor, it-Tribunal qiegħed jgħid li hija possibilità remota għall-aħħar li kienu l-konvenuti li taw struzzjonijiet lill-ħaddiema mqabbdin minnhom sabiex jaġixxu b'mod traskurat u jikkawżaw ħsarat lill-atturi.*

*Meta l-konvenuti qabbdu lill-kuntrattur u lill-ħaddiema tiegħu, huma kellhom kull jedd li jistennew li bix-xogħlijiet imwettqa minnu, huwa ma jagħmel ħsara lil ħadd. Il-kuntrattur u l-ħaddiema tiegħu, bħala nies tas-sengħa, huma mistennija li jkunu jafu x'inhuma jagħmlu u għalhekk m'hemmx bżonn li l-konvenuti – li aktarx ma jkunux esperti – jissorveljaw ix-xogħlijiet b'għajnejn ta' ajkla. Il-kuntrattur huwa mistenni li jkun responsabbli biżżejjed sabiex jagħmel xogħol tajjeb u ma jagħmel ħsara lil ebda terz. Jekk jonqos minn tali obbligu, huwa* <u>*hu*</u> *li għandu jwieġeb għall-ħsarat magħmulin minnu, u mhux dawk li jkunu qabbduh.*

*Dwar din il-materja, it-Tribunal jirreferi* in extenso *għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet* ***<u>Malcolm Harwood vs Joseph Aquilina et</u>*** *(deċiża fis-27 ta' Jannar 2003), fejn intqal:*

> "jinħass opportun f'dan l-istadju li jiġu puntwalizzati u sottolinejati d-doveri li b'liġi huma imposti kemm fuq il-kuntrattur, kif ukoll fuq l-Arkitett, inkarigati mill-eżekuzzjoni ta' xogħol ta' kostruzzjoni, anke għaliex dawn bħal kull ħaddieħor iwieġbu għal ħsara li tiġri bl-għemil tagħhom jekk ma jużawx id-diliġenza, prudenza, jew ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja (Artikolu 1032(1), Artikolu 1033 tal-Kodiċi Ċivili);
>
> Jingħad a propositu fil-kawża fl-ismijiet "Marianna Cini pro et noe -vs- Paolo Galea et", Appell Ċivili, 27 ta' Ottubru 1958, illi "ma jistax ikun hemm dubju li perit li jiġi nkarigat mill-kostruzzjoni ta' fond għandu d-dmir li jassigura ruħu li l-kostruzzjoni tal-bini lilu fdata, speċjalment għal dak li hi solidità ssir sewwa u skont is-sengħa; anzi prinċipalment, skont il-liġi, dan id-dover jaqa' fuqu aktar milli fuq il-bennej; u huwa l-perit dak li jassumi quddiem l-awtorità kompetenti r-responsabilità tax-xogħol li tiegħu jkun ser jieħu d-direzzjoni. Dover għalhekk, formalment assunt u mpost mil-ligi, tal-perit, hu dak illi juża l-abilità u d-diliġenza meħtieġa biex fl-eżekuzzjoni ta' dak il-bini xejn ma jsir li jista' jikkaġuna perikolu jew ħsara; huwa dmiru li jara li l-bennejja li jkunu ser jaħdmu taħtu jkunu liċenzjati, u anke jekk liċenzjati, għandu jidderieġi huwa nnifsu u jissorvelja x-xogħol, b'mod li ma jħallix isiru operazzjonijiet kontra s-sengħa u li għandu jaċċerta ruħu personalment u direttament x'ikun qed isir, u huwa responsabbli għad-danni jekk l-għemil tiegħu juri negliġenza..."; 

In kwantu għall-appaltatur, il-Qrati tagħna kemm fid-deċiżjoni appena ċitata u riportata a Vol. XLII P I p 517 kif ukoll fi skorta ta' oħrajn irribadew il-prinċipju illi "l-appaltatur għandu jeżegwixxi x-xogħol lilu kommess fis-sens li huwa għandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b'mod li 'l quddiem juri difetti. F'każ bħal dan hu għandu mill-ewwel ma jagħmilx ix-xogħol jew ikollu jirrispondi għad-difetti li jiġru 'l quddiem" (Mario Blackman -vs- Carmelo Farrugia et nomine" Appell Kummerċjali, 27 ta' Marzu 1972, u s-sentenzi fiha ċitati);

Huwa indubitat illi l-azzjoni hi waħda "ex contractu". Dan isib konferma mill-ispjega li jagħti r-Ricci ("Diritto Civile", Vol VIII para. 242) " ...l'obbligazione dell'architetto e dell'imprenditore verso il proprietario committente dell'opera ha radice nel contratto. Ora le obbligazione derivanti dal contractto sono rette da norme diverse da quelle che regolano le obbligazioni nascenti da delitto o quasi-delitto; dunque una specie di obbligazione non può confondersi coll'altra."

*Għalhekk, it-Tribunal ma jistax jifhem għaliex ma ġewx imsejħin fil-kawża l-kuntrattur jew kuntratturi involuti u l-ħaddiema li ħadmu.*

*Għalhekk, it-Tribunal ser jgħaddi sabiex jiċħad it-talbiet kollha tal-atturi."*

**L-Appell**

6. L-appellanti ppreżentaw ir-rikors tal-appell tagħhom quddiem din il-Qorti fil-21 ta' Ottubru, 2022, fejn qegħdin jitolbuha sabiex:

*"...tħassar, tirrevoka u tikkanċella s-sentenza tat-Tribunal Għal Talbiet Żghar tat-3 t'Ottubru 2022 fl-ismijiet NOEL SPITERI (513361M) U DENISE SPITERI (543065M) VS MARCUS MERCIECA (0136079M) U CARLA MERCIECA (0551680M) u filwaqt li tilqa' t-talbiet tal-atturi appellanti tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti appellati bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra il-konvenuti appellati."*

Jgħidu li l-aggravju tagħhom huwa li t-Tribunal ma ddeċidiex skont l-eċċezzjonijiet tal-appellati.

7. L-appellati wieġbu fit-2 ta' Frar, 2023 fejn qegħdin jikkontendu li s-sentenza appellata hija waħda ġusta, u għaldaqstant għandha tiġi kkonfermata, bl-ispejjeż kontra l-appellanti.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju tal-appellanti, li huwa li t-Tribunal iddeċieda li jiċħad it-talbiet tagħhom fuq premessi li ma kienux jagħmlu parti mill-eċċezzjonijiet imressqin mill-appellati. Filwaqt li huma qegħdin isostnu li d-difiża ta' dawn tal-aħħar kif tirriżulta mill-istess eċċezzjonijiet, hija waħda konfuża għal kollox, l-appellanti jiddikjaraw li l-appellati kienu aċċettaw ir-responsabbiltà għad-danni, u qatt ma tefgħuha fuq ħaddieħor. Għal dak li jirrigwarda d-deċiżjoni tat-Tribunal fejn dan ħeles lill-appellati minn kull responsabbiltà għaliex il-persuni nkarigati minnhom kien imesshom ġew imsejħa fil-kawża, huma jirrilevaw li qatt ma kienu f'pożizzjoni li jagħmlu dan stante li l-identità tagħhom ma kinitx ġiet żvelata lilhom mill-appellati, u dawn tal-aħħar tant kemm tassew ma ħassewx il-ħtieġa li jagħmlu dan, li fl-eċċezzjonijiet tagħhom ma ddikjarawx li t-tort kien tal-ħaddiema u mhux tagħhom. Jikkontendu li jekk l-appellati kienu ħassew li d-danni kienu jaħtu għalihom l-istess ħaddiema, kienu jkunu huma li jseħulhom fil-kawża stante li kienu huma biss li kienu jafu bl-identità tagħhom. L-appellanti jgħidu li huma ma jistgħux jifhmu kif it-Tribunal iddeċieda kif għamel, għaliex ma kien hemm l-ebda eċċezzjoni li seta' straħ fuqha. Jgħidu li huwa paċifiku li l-Qorti għandha tiddeċiedi skont it-talba u l-eċċezzjonijiet, u huwa biss f'ċirkostanzi partikolari li hija tista' tqajjem eċċezzjonijiet *ex officio.* Jgħidu li iżda fil-każ

odjern it-Tribunal kien iddeċieda dwar premessa li ma kinitx tagħmel parti mill-proċeduri odjerni. Jikkontendu li ġaladarba l-appellati ma nnegawx ir-responsabbiltà tagħhom u ma daħlux lill-ħaddiema fil-kawża, huma l-istess appellati li huma responsabbli għax-xogħlijiet eżegwiti mill-ħaddiema tagħhom fuq ftehim bejniethom. L-appellanti jirrilevaw li s-sentenzi u l-każistika ċitata mit-Tribunal m'għandhom x'jaqsmu xejn mal-motivazzjoni tas-sentenza appellata. Jgħidu li hawnhekk ma kien hemm l-ebda perit inkarigat, u kienu proprju l-appellati li kellhom jissorveljaw ix-xogħlijiet sabiex isiru sew u ma tiġix ikkaġunata ħsara fil-proprjeta' ta' terzi, iżda fin-nuqqas kellhom ikunu huma li jagħmlu tajjeb għal dik il-ħsara, u sussegwentement ifittxu lill-kuntrattur.

9. Min-naħa tagħhom, l-appellati qegħdin jgħidu li s-sentenza appellata hija waħda ġusta u timmerita konferma. Huma jissottomettu li l-appell odjern huwa msejjes fuq apprezzament tal-fatti kif diġà magħmul mit-Tribunal, u jsostnu li Qorti tal-Appell m'għandhiex tiddisturba tali apprezzament sakemm ma ssibx raġunijiet impellenti għal dan, filwaqt li jisħqu li fil-każ odjern ma jirriżultawx l-estremi li jagħtu lok għall-indħil ta' din il-Qorti. L-appellati jirrilevaw li l-kawża odjerna hija waħda fejn l-appellanti qegħdin jallegaw li ġew ikkawżati lilhom danni akwiljani, liema danni għandu jirrispondi għalihom min ikun ikkawżahom, u ma kienx hemm lok għal responsabbiltà vikarja, liema responsabbiltà fit-tort u kważi-tort tista' biss tirriżulta minn xi liġi. Isostnu li huma m'għandhomx jinżammu responsabbli ta' xi tort jew kważi-tort li seta' twettaq mill-ħaddiema li ġew inkarigati minnhom, u li ma kienux impjegati tagħhom. Ikomplu jgħidu li huma ma jistgħux jirrispondu għal dak li seta' għamel jew m'għamilx ħaddieħor, u jekk huma offrew li jnaddfu bħala bonviċinat, dan ma kienx ifisser li kienu qegħdin jerfgħu xi responsabbiltà. L-appellati jirrilevaw li kull min jallega għandu

jipprova, u għalhekk l-appellanti kellhom juru li l-istess appellati kienu ikkawżaw l-allegati danni, iżda dan m'għamluhx. Huma jissottomettu s-segwenti punti: (a) jekk il-ħaddiema nkarigati minnhom ikkaġunaw danni, ma kellhomx jirrispondu huma għalihom, għaliex ma kien hemm l-ebda responsabbiltà vikarja meta ħaddiema nkarigati minn persuna jikkawżaw danni naxxenti minn tort jew kważi-tort; (b) huma setgħu biss jirrispondu għal danni riżultanti minn difetti fil-bini tagħhom, iżda dawn ma kienux jagħmlu parti mit-talba tal-appellanti; u (ċ) kienu l-appellanti li dejjem fixklu. L-appellati hawnhekk jgħaddu sabiex jagħmlu diversi sottomissjonijiet fil-mertu dwar id-danni pretiżi mill-appellanti, u jikkontendu li għall-allegati ħsarat huma kienu ntavolaw proċeduri kontrihom minflok kontra l-leġittimi kuntraditturi, u għalhekk it-Tribunal iddeċieda b'dak il-mod. Huma jissottomettu li ma kien hemm l-ebda prova jew allegazzjoni ta' xi *culpa in eligendo,* u lanqas ma seta' kien hemm responsabbiltà vikarja li tista' biss tirriżulta minn liġi, u ma tistax tiġi preżunta. Għalhekk jgħidu li kien jispetta lill-appellanti stess li jħarrku lill-ħaddiema u lill-kuntrattur bħala konvenuti jew isejħulhom fil-kawża.

10. Il-Qorti tibda billi tgħid li hija taqbel mat-Tribunal li t-tweġiba tal-appellati hija waħda pjuttost stramba, anzi tgħid li hija kjarament kontradittorja. Tirrileva li filwaqt li l-appellati rrespinġew it-talbiet tal-appellanti fil-konfront tagħhom, huma wkoll iddikjaraw li dejjem kienu lesti li jħallsu għal dawk id-danni kkawżati minnhom, iżda l-appellanti kienu eżaġerati fit-talbiet tagħhom kemm fil-valur tad-danni allegati, u anki fin-natura tagħhom. It-Tribunal hawnhekk ukoll għamel riferiment għal dak li qalet il-Qorti tal-Appell (Superjuri) fis-sentenza

tagħha tas-16 ta' April, 2004 fl-ismijiet **Gabriel Parnis et *vs.* Joseph Cucciardi et**[1] dwar eċċezzjonijiet konfliġġenti għal xulxin. Iżda l-Qorti tgħid li hija ma tifhimx għaliex l-imsemmi Tribunal m'għaddiex sabiex iddeċieda din il-kwistjoni mqanqla minnu stess, u minflok kif sewwa jirrilevaw l-appellanti, iddeċieda t-talbiet tagħhom fuq kwistjoni li saħansitra ma saret l-ebda eċċezzjoni dwarha u lanqas setgħet issir, ġaladarba l-appellati kienu qegħdin jaċċettaw responsabbiltà għal uħud mid-danni kkawżati.

11. Għaldaqstant il-Qorti ssib l-aggravju tal-appellanti ġustifikat u tilqgħu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi l-appell odjern billi tilqgħu parzjalment, u tħassar, tirrevoka u tikkanċella s-sentenza appellata, b'dana li tibgħat l-atti lura lit-Tribunal sabiex jiddeċiedi t-talbiet tal-appellanti fil-mertu.**

**L-ispejjeż tal-ewwel istanza u dawk tal-appell odjern għandhom ikunu a karigu tal-appellati.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**

[1] App. 934/2001.